MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Rikors Numru. 84/2013

**ab**

**-vs-**

**cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Marzu 2002 Dok. A u sussegwentement isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni tat-22 ta' Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Robert Muscat (Dok. B).

2. Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal iktar minn erba (4) snin.

3. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni hemm ftehim dwar manteniment.

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-artikolu 66D(2) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-ligi ta' Malta.

Rat in-nota tal-intimata li permezz taghha tiddikjara li hija ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju mitlub mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 2013;

Rat in-nota tal-intimata li permezz taghha iddikjarat li ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju mitlub mir-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba' (4) snin u isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni datat 22 ta' Marzu 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------